IT-TIELET KTIEB — SETTEMBRU
TAL-WIEHED U TLETIN SENA — 1955

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

IL-KITTIEBA TA' DAN IL-GĦADD

L-EDITUR—Integration faċċ. 65

MANWEL CASSAR—*Lid-Dmugħ* ,, 66
ĠUŻE' CHETCUTI—A. Cremona bħala Drammaturgu ,, 67
WALLACE GULIA, B.A., B.Sc., Ph.C., D.P.A.—*Marjana* ,, 74
CALAMUS—Il-Letteratura Infantili Maltija ,, 77
DUN FRANS CAMILLERI—*O Dulcis Virgo Maria* ,, 81
ANTON AGIUS—Ġannina ,, 83
EDITUR—Ir-Rati ta' Ħlas għat-Trasmissjonijiet ,, 90
V.M. PELLEGRINI, LL.D.—*Għalhekk Inħobbok* ,, 91
ALB. M. CASSOLA—Malapropismi ,, 92
a.c.—Multum in Parvo ,, 93
Reċensjonijiet ,, 94

DIRETTUR: Dr. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H.,
29, Sur Santa Barbara, Valletta.

ASSISTENT DIRETTUR: Ant. Cremona,
53, Triq Wara Santa Ubaldesca, Paula.
AMMINISTRATUR: Victor Apap,
22, Triq it-Torri, Tas-Sliema.

IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

SETTEMBRU 1955

# Integration

*DIN il-kelma l-lum dlonk tinstama' f'ħalq in-nies. Hawn min iridha u hawn min hu kontriha. Il-partiti politiċi ma jaqblux bejniethom dwar is-siwi ta' din il-għamla ġdida fil-Gvern ta' Malta imma milli jidher kulħadd jaqbel li jeħtieġ issir xi tibdila li ttejjeb il-qagħda tagħna tal-lum.*

*Forsi mhux kulħadd jaf li din mhix l-ewwel darba li l-poplu Malti talab għaqda sħiħa jew, kif insejħulha l-lum, integration, ma' nazzjon ieħor. Hames mitt sena ilu, fi żmien ir-Re Alfonsu ta' Aragona, il-poplu tagħna kien talab li Malta tingħaqad massaltna li dak ir-Re kellu fi Sqallija. L-irvell ta' żmien Monroy u l-ġbir għall-fidwa ta' Malta kienu mqanqlin minn fehma ta' integration. Aktar qrib lejna, meta l-Ordni tal-Kavalieri kien fi tmiemu ikreh, Mikiel Anton Vassalli, patrijott Malti, kien għamel proġett għat-tixtil u għat-tisħiħ ta' l-Ordni li fih ippropona integrazzjoni tan-nazzjon Malti fl-Ordni.*

*Milli jidher il-Gvern Ingliż ta widen għat-talbiet tal-partiti Maltin tant li laqqa' Konferenza biex tistħarreġ il-kwistjoni u ħatar membri nies mill-aktar magħrufin mill-partiti politiċi kollha ta' l-Ingilterra u fl-istess ħin stieden rappreżentanti tal-partiti Maltin biex isemmgħu leħenhom u jfissru fehemthom. Wara laqgħat f'Londra, il-Konferenza ġiet Malta biex tissokta l-istħarriġ tagħha fuq il-post.*

*Il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" hija korp kulturali letterarju u bħala hekk hi qatt ma ndaħlet fi kwistjonijiet politiċi; anqas ma hi biħsiebha tindaħal issa fejn ma jesagħhiex, iżda rridu nżommu quddiem għajnejna li l-"Għaqda" kienet inħolqot biex tħares id-drittijiet ta' l-Ilsien Malti, u għalhekk għandha d-dmir li tgħasses għal xi deni li jista' jinqala' lil dan l-Ilsien.*

*Il-"Għaqda" jidhrilha u tħaqqaq, li jkun xi jkun id-destin ta' pajjiżna u tkun xi tkun il-qagħda politika tagħna, l-Ilsien Malti għandu jkollu l-post li jistħoqqlu f'dawn il-Gżejjer tagħna u dan għal bosta raġunijiet: l-ewwelnett hemm il-fatt li l-ilsien tagħna jagħżilna bħala nazzjon għalina, għax poplu mingħajr*

*ilsien tiegħu jonqsu ħaġa mill-aktar meħtieġa biex igħaddi bħala nazzjon. Barra dan, l-ilsien tagħna hu r-rabta li żżomm il-Maltin kollha ta' hawn u ta' barra, magħqudin flimkien, bħala aħwa wlied omm waħda.*

*L-ilsien tagħna hu meħtieġ għall-isvilupp intellettwali tal-poplu. Poplu li ma għandux ilsien tiegħu biex juri t-tqanqiliet u x-xejriet ta' qalbu u ta' ruħu, qatt ma jista' jfassal xbieha tal-ħajja nazzjonali tiegħu, qatt ma jista' joħroġ sintesi tal-ġenju tiegħu bħala ġens. Aħna nafu li l-poplu tagħna beda juri interess kbir fil-ħajja politika u beda miexi 'l quddiem fit-tagħlim minn meta l-Ilsien Malti rafa' rasu u ma baqax imkasbar. Il-kotra, biex ingħidu hekk, imxiet 'il quddiem id f'id ma' l-Ilsien Malti.*

*Għalhekk hu ta' ħtieġa kbira kemm għall-ġieħ ta' pajjiżna kemm għall-ġid tal-poplu tagħna li l-Ilsien Malti jibqa' miexi 'l quddiem bla tfixkil u bla għawġ ħalli dak li kiseb in-nazzjon tagħna bis-saħħa ta' l-Ilsien tagħna ma jtirx mar-riħ.*

## LID-DMUGH

*Ta'* MANWEL CASSAR

Naħilfu li ħabbejtek, Dmugħ ħarkieni,
Meta lmaħtek tirtogħ'd fl-għajnejn ħamrana
Ta' ħarġa ward li kiber ġewwa ġnieni
Għax int lehimtni biex indomm il-għana.

Darb'oħra għasart li qalbi matul żmieni
Xħin rajtek tnixxi mill-għajnejn kaħlana
Ta' sabi ltim li sab ruħu waħdieni
Għall-ewwel darba f'ġenn il-ħajja tagħna.

Darb'oħra ġgħaltni nħoss ftit gost ta' ħlewwa
Xħin rajtek tilma fil-għajnejn miksura
Ta' tfajla li kissrulha l-pupa tagħha.

'Mma qatt ma ġgħaltni nħobbok hekk bis-sewwa
Daqs xħin f'wiċċi qattart bl-imħabba pura
Ta' dik li tħobbni sfiq u għad ngħix magħha.

# A. Cremona Bhala Drammaturgu

*Studju Kritiku ta'* Ġużè' Chetcuti

NINU Cremona — fi kliem il-Professur Aquilina — bena isem sabiħ fil-letteratura Maltija li tista' xxebbhu lill-ġebel tassisien fil-bini ta' dar kbira. Hu wieħed mill-pijonieri ta' l-Ilsien Malti. Ħadem f'kull fergħa sew xjentifika kemm letterarja ta' lsienna: grammatika, folklore, bijografija, drammi, proża u poeżija. Fih tinħass l-enerġija spontanea ta' kittieb u ta' Malti li iddedika ħajtu kollha f'ħidma li ma qatgħet xejn għall-mixi 'l quddiem tal-letteratura Maltija.

Ma hux il-ħsieb tiegħi li nittratta fuq ix-xogħlijiet ta' Ninu Cremona bħala grammatiku jew bħala poeta, iżda bħala drammaturgu, bħala l-kittieb tad-dramm b'att wieħed "Ecce Homo" u tad-dramm b'ħames atti "Il-Fidwa tal-Bdiewa" li nistgħu nqisuh bħala l-ewwel ġebla soda fil-bini ta' l-arti drammatika Maltija.

"Il-Fidwa tal-Bdiewa" hi interpretazzjoni tal-kobor moħbi ta' poplu ċkejken li, għax żgħir, ħtieġlu dejjem jitħabat kontra l-mewġ tal-ħajja. Dan id-dramm irridu nħarsu lejh, kif kiteb tajjeb ħafna l-Professur Aquilina, bħala xogħol letterarju aktar milli bħala xogħol tal-palk. Dan ma jfissirx, kif żied igħid Aquilina, li *Il-Fidwa tal-Bdiewa* ma jistax jinħadem, ifisser biss li hu tqil biex jinħadem, għax l-atturi, irġiel u nisa, irid ikollhom nifs kbir biex iżommu ħaj l-interess fil-ġrajja li tingħad u sseħħ f'dan id-dramm...... Ngħid li jista' jsir il-għaliex l-iżvilupp tal-ġrajja jiġbor diversi inċidenti ta' natura drammatika li, jekk ikunu interpretati sewwa, għandhom jogħġbu lil min jarahom.

It-teknika moderna tal-palk titlob ħeffa fl-azzjoni, xeni u sitwazzjonijiet li mhumiex impossibbli biex jiġu rappreżentati fuq il-palk, u djalogi naturali bi stil li mhuwiex elaborat bla bżonn. Il-lum il-Palk Modern irid naturalezza u mhux artifiċjalità fl-espressjoni u fl-azzjoni. Iżda lil Ninu Cremona f'dawn iż-żewġ drammi rridu nħarsu lejh bħala figura letterarja, bħala l-bniedem li nqata' miż-żmenijiet tagħna u ħadna bl-immaġinazzjoni fi żminijiet imbiegħda: *f'Ecce Homo* ħadna fi żmien Kristu ma' l-elfejn sena ilu, u f'*Il-Fidwa tal-Bdiewa* fi żmien l-Ispanjoli, mal-ħames mitt sena ilu, qabel ma ġew il-Kavalieri.

Kumment f'loku ħafna għamlu l-awtur fl-introduzzjoni taddramm "Ecce Homo": "L-istil klassiku, id-djalogu narrattiv,

il-frażjoloġija konvenzjonali romana, id-drawwiet ta' l-atmosfera pagana bl-antitesi tal-ħajja ta' l-ewwel Insara jagħżlu lil dan ix-xogħol mix-xogħlijiet drammatiċi l-oħra tal-lum li taw lill-Palk Malti x-xeħta ta' Teatru Modern.

"Iżda għal min għandu s-sens ta' l-arti drammatika din id-differenza ta' xena, stil u azzjoni m'għandhiex ittellef, biex ingħid hekk, il-valur tat-teknika tal-kompożizzjoni. Wara kollox biex wieħed jagħti biċċa xogħol tajba, sew jekk dramm jew kummiedja, barra mill-figura tal-persunaġġi, il-kittieb għandu jaħseb fil-fond, fil-kulur ta' dik l-arti u ż-żmien li fihom inħadmet l-azzjoni; għax dak il-kulur u l-ambjent u ż-żmien ma jinħtieġx li jkun tabilfors ta' dik is-soċjetà li fosthom igħix il-poplu tal-lum biex tkun biċċa xogħol tajba skond it-teknika tal-Palk. Li kieku ma kienx hekk it-traġedji ta' Shakespeare, u ta' drammaturgi oħra Griegi, Latini, Taljani u Franċiżi ta' l-iskola drammatika qadima marru fil-miżbla jew inħarqu".

"Ecce Homo" jiġbor fih suġġett storiku b'persunaġġi bħal ta' Ponzju, Klawdja u l-Madalena kif nafuhom mill-Bibbja. Iżda fuq din il-bażi storika l-awtur għaraf iħaddem inċidenti u sitwazzjonijiet immaġinarji. Il-kunċett — kunċett mistiku — hu miżmum mill-bidu sa l-aħħar, u d-dramm aktar ma jimxi 'l quddiem aktar iqanqal l-interess sakemm jasal għall-konklużjoni li fiha tiġbor forza ta' ħsieb u ta' immaġinazzjoni. Konklużjoni mill-iżjed effettiva. It-tliet unitajiet, jiġifieri ż-Żmien, il-Lokal u l-Azzjoni, iżommu l-moviment miexi, bla qtugħ u bla taħwid.

Id-djalogu, billi hu elaborat u mimli b'sentenzi letterarji, jista' ma jogħġobx lill-udjenza moderna li trid tisma' djalogu sempliċi, dirett u ċar daqs il-kristall. Id-djalogu jrid jinħadem b'mod li jpinġi quddiemna l-ħajja reali. Iżda dan l-episodju bibliku "Ecce Homo" jeħodna f'epoka mbiegħda u jfakkarna f'elementi u f'persunaġġi li l-lum qegħdin igħixu f'saltna ta' poeżija u ta' immaġinazzjoni. Għalhekk id-djalogu ma rridux inħarsu lejh bil-għajn kritika taż-żminijiet tagħna, imma nistudjawh u napprezzawh bħalma nistudjaw u napprezzaw xogħol ta' poeżija.

Mhux għalkemm wieħed jaqbad u jgħid: "Dan ix-xogħol mhux tajjeb!" sempliċement għax ma jaqbilx mat-tendenzi u l-gosti tal-Palk Modern. Biċċa xogħol ta' arti, meta tkun ispirata u miktuba bis-sengħa, hi tajba u jkollha, bla dubbju, merti letterarji kbar. Dan nistgħu ngħiduh ukoll għal "Il-Fidwa tal-

Bdiewa", dramm epiku-pastorali li fih l-awtur għaraf jinseġ erba' elementi importanti: l-element storiku, patrijottiku, reliġjuż, u letterarju. Hu dramm miktub fuq il-forma ta' versi endekasillabi. Għaliex dramm għandu jinkiteb fil-għamla ta' poeżija? Id-dramm f'poeżija nbeda fiż-żmenijiet tal-Griegi, speċjalment billi kien jinkiteb f'xi okkażjoni ta' festa reliġjuża. Din it-tradizzjoni Griega ta' dramm f'poeżija wirtuha l-Ingliżi fi żmien ir-Reġina Eliżabetta, billi kienet addattata ħafna għat-teatri tagħhom li kienu fil-miftuħ, fl-arja aperta. Hemm ukoll il-fatt illi l-poeżija hi aktar faċli biex wieħed jiftakarha mill-proża, u dik kienet vantaġġ fi żmenijiet meta d-drammi kienu jeżistu aktar fil-memorja milli bil-kitba jew stampati. Il-poeżija wkoll hi addattata ħafna għad-deskrizzjoni ta' xeni li ma jkunux qed jidhru fuq il-palk. Iżda l-poeżija fi drammi bdiet titlef l-importanza u l-effett tagħha meta l-palk beda jingħalaq bejn erba' ħitan u għalhekk setgħu jitwaqqfu x-xeni li jarahom kulħadd. Iżda d-dramm f'poeżija ma nqatax għal kollox. Baqa' jeżisti bħala biċċa xogħol artistika li tiġbor fiha tema ta' livell għoli, ta' ħsebijiet li jaqtgħuna miż-żmenijiet tal-lum u jeħduna f'ħajja oħra, qalb persunaġġi oħra tad-demm u l-laħam bħalna imma li l-lum, għax maqtugħa ħafna minna, qed igħixu fl-immaġinazzjoni tagħna.

"Il-Fidwa tal-Bdiewa" jiftaħ bi prologu. Id-dramatist tal-lum la juża l-prologu u lanqas l-epilogu. Il-prologu hu ta 'oriġini Griega, u l-iskop tiegħu kien li jagħti lill-udjenza l-informazzjoni meħtieġa fuq is-suġġett li jkun ser jiġi ittrattat. Il-prologu kien użat b'effett kbir minn Shakespeare bħalma wkoll mid-dramatisti klassiċi Spanjoli Lope de Vega u Calderon. Ninu Cremona fil-prologu tal-"Fidwa tal-Bdiewa" jagħtina ħjiel ta' dak li ispirah biex kiteb dan id-dramm storiku-patrijottiku li jfisser ġrajja ta' sagrifiċċji li ġarrbu missirijietna taħt il-ħakma tal-fewdatarji Spanjoli u tas-sibbien Torok li ta' sikwit kienu jaħbtu għal niesna. Fi kliem il-Professur Aquilina, "il-prologu jew bidu tal-ġrajja Maltija, bħala poema oriġinali fil-letteratura tagħna, mimli xbihat ħajja, waħdu biss, jistħoqqlu jissejjaħ xogħol ta' mgħallem".

F'dan il-prologu, il-fakultajiet immaġinattivi ta' Cremona jaħdmu tajjeb ħafna: bl-immaġinazzjoni tiegħu hu jġagħalna ngħixu ma' niesna ta' ħames mitt sena ilu fil-ferħ u fin-niket, fid-drawwiet u t-tradizzjonijiet tagħhom. L-ambjent tal-lokal

u l-atmosfera taż-żmien ipinġihom u jnaqqaxhom bis-sengħa.

Il-ġmiel u l-kulurit tal-kelma flimkien mal-qawwa u l-kobor ta' l-idea jiġbru fihom l-ideal ta' l-Arti. U dan il-prologu ngħid għalija nqisu bħala biċċa xogħol ta' arti sabiħa għax fih il-kelma hi mħaddma u mirquma u l-idea hi qawwija u oriġinali· Il-fantasija f'dan il-prologu taħdem daqs kemm taħdem ir-realtà, u l-awtur jinterpreta ġrajja epika li tqanqal mill-qiegħ il-kuxjenza nazzjonali u tagħni fil-ġieħ u l-glorja l-letteratura ta' lsienna.

Il-ġrajja tad-dramm hi sempliċi, episodika fil-kostruzzjoni, imma kull ħsieb u kull xena huma marbutin bis-sengħa bħal qabda ġawhar meħjutin flimkien fil-ħajta fina tas-suġġett : Kien il-bidu tas-seklu XV meta Malta kienet tinsab għaddejja minn żmenijiet koroh fl-istorja ta' ħajjitha : il-jasar tal-ħakma tal-fewdatarji u l-attakki ta' l-egħdewwa Barbrin. Għalkemm, skond il-ftehim ta' l-1420, il-privileġġi u d-drawwiet tal-Maltin kellhom jibqgħu bla ma jittiefsu, Don Gonsalvo Monroy li f'idejh Malta kienet fdata mir-Re Alfonso ta' Aragona, ħawwad u ħaqar lill-Maltin kemm felaħ. Il-Maltin li ma felħux jinħaqru aktar qamu kontra Monroy, u lil martu Donna Costanza, għalquha fil-Kastell tax-Xatt ta' Sant'Anġlu. Bi ftehim mar-Re Alfonso, il-Maltin fdew arthom billi kellhom iħallsu s-somma ta' 30,000 fjorin.

Din il-ġrajja, kif rakkontata minn A. Cremona, turi kemm kien kbir u għoli l-prestiġju nazzjonali. Naraw l-ewwel xrariet ta' patrijottiżmu fil-kliem ta' Pietru :

> ''U għaliex, Gawdenz, għaliex Gawdenz minn fuqna,
> dan-ngħas minn fuqna ma ntajrux u f'demmna,
> bħal nies u ie bħal bhejjem, dil-moħqrija
> m'għandniex il-ħila nsikktu tal-għakkies?''

u fil-kliem ta' Ġanni :

> ''Inqumu, hekk Alla jrid bil-jedd li tana!''

Tqanqil imħeġġeġ ta' patrijottiżmu jidher fir-rewwixta tal-bdiewa. Pietru jħeġġiġhom :

> ''Ja Dejma ta' l-Ibdiewa, il-qilla nuru
> u demmna ħalli nxerrdu għall-Fidwa Mqaddsa,
> għaliex hekk Alla jrid.''

Sentimenti ta' patrijottiżmu jidhru wkoll fl-aqwa tagħhom meta Rożi, għall-ġid u għall-ħelsien ta' pajjiżha, tat ġidha u l-ġhież tagħha :

"Jien niżżik ħajr. ja ġhież, għaraq ta' ġbini,
għax ridt il-lum tħalli dar ommi għal kollox,
imżewwaq f'lewnek bħal farfett tittajjar
'il bogħod mis-sieħeb li stenniek dal-għodu
biex tħammar fuqi, libsa ta' l-Imħabba."

Ma' l-element patrijottiku nsibu marbut l-element reliġjuż. Naraw l-element reliġjuż imdaħħal fil-karattru ta' Dun Sidor li, fil-biża' u l-waħx tal-mewt, insibuh iħeġġeġ u jfarraġ lill-bdiewa bil-kelma t'Alla. It-tama u l-imħabba fil-Madonna nsibuha fil-kliem ta' Rożi, ta' Pietru, Anni, Marì u ħafna oħrajn :

"Li kienet il-Qaddisa Omm Alla tagħna
tisma' f'dal-jum għażiż tnehid it-tfajla
ta' mingħajr ħjiena, u tilqa' ġol-ħdan tagħha
demgħa biss waħda."

L-element letterarju jagħmel ukoll parti importanti f'dan id-dramm. Il-versi endekasillabi mibnija fuq il-forma klassika-didattika, il-kelma mirquma, magħżula, imqiegħda f'lokha, l-espressjonijiet, il-metafori, is-similitudni, kollha maħdumin bis-sengħa, il-mumenti traġiċi waqtiet imtaffija b'sitwazzjonijiet ta' sarkażmu u ironija, il-ferħ u n-niket, ir-rebħ u t-telf, l-imħabba u l-mibegħda, id-drawwiet u l-ilwien lokali, kollha mpinġija fi kwadri ċari u realistiċi.

Id-dramm iqegħdilna quddiemna l-ħajja taż-żmien, kif għexuha missirijietna, il-biċċa l-kbira minnhom bdiewa, taħt il-ħakkiema ta' Spanja. Insibu riferenzi fuq l-ilbies li kienu jilbsu dik il-ħabta, fuq il-karatteristiċi tal-poplu bidwi, u fuq id-drawwiet li għexu fihom, bħalma huma t-tbaħħir bil-weraq taż-żebbuġ, il-għotja ta' żewġ ħutiet marbutin b'żagarella u ħatem f'ħalq waħda minnhom, it-tqegħid fuq fomm l-għarusa ta' ftit għasel pur imħallat mal-ħwawar tar-riħana, it-tkebbis ta' ħuġġieġa bħala sinjal biex in-nies tinġabar taħt l-armi, il-qtugħ ta' truf mill-libsa tal-għarusa fejn kienu jehemżu xi bebbuxiet, u

l-imħalla li kienet titqiegħed fuq il-bejt tad-dar biex turi li hemm xebba għaż-żwieġ.

Kif jidher ċar, "Il-Fidwa tal-Bdiewa" hu dramm pastorali għax fih Cremona jnaqqax atmosfera ta' ħajja għal kollox raħlija. Deskrizzjonijiet ta' postijiet, ta' lbies, ta' kliem, ta' drawwiet, ta' mġiba, ta' karattri, kollha jpinġulna kwadri ta' ħajja pastorali, il-ħajja li fiha l-bdiewa tagħna trabbew, għexu u kibru.

Karatteristika essenzjali fl-isvolġiment tad-dramm hi t-tnaqqix preċiż u naturali tal-karattri. L-awtur dejjem irid iżomm quddiem għajnejh illi fil-karattri li jpinġi għandu jkun hemm naturalezza u ħajja. Insibu fil-"Fidwa tal-Bdiewa" karattri storiċi bħalma wkoll karattri fittizji: il-karattri f'konflitt bejniethom li jagħtu vitalità lid-dramm. Ta' min jinnota l-kuntrast fil-karattri li l-awtur għaraf jaqla' tajjeb ħafna biex iżomm id-dramm ħaj u movimentat. Naraw il-karattru ta' Rożi, tfajla li tippersonifika l-imħabba, f'kuntrast mal-karattru ta' Xandra, ħaxixa ħażina, qalbha mimlija mibegħda għall-umanità li ħaqritha. Il-karattru ta' Pietru, kolonna ta' saħħa u qlubija, narawh f'kuntrast mal-karattru ta' Pedro, bniedem beżżiegħi u bla ħila. Il-karattru ta' Peppu l-Iblah jidher ukoll jinqala' ħafna f'kuntrast ma' karattri oħra ta' ħaddiema bieżla u serji bħalma huma Ġanni u Ġawdenz.

Karattri mill-iżjed maqlugħa u effettivi huma ta' Rożi u ta' Pietru. Rożi għexet ħajja drammatika. F'ħajjitha naraw it-taqlib mill-ferħ għan-niket, mill-ħelsien għall-jasar, mill-biża' tal-mewt għad-dawl tal-ħajja. Hi ġarrbet il-biża' u l-waħx meta waqgħet ilsira tax-xewqat ħajna ta' Don Carlos, imma ġarrbet ukoll il-ferħ u l-ħajr tal-libertà meta Pietru ħelisha mill-jasar, u mill-ġdid kisbet id-dawl tal-ħajja u ta' l-imħabba.

Id-dinjità u s-serjetà fil-karattru ta' Pietru tħosshom jimpressjonawk. L-aqwa episodji tad-dramm jiżvolġu rwieħhom fuq il-karattru ta' Pietru. Għandu mumenti ta' mħabba bħalma wkoll ta' mibegħda, ta' paċi bħalma wkoll ta' ġlied. Pietru hu bniedem ta' determinazzjoni kbira. Hu laqa' b'sidru l-mewġ aħrax tal-ħajja: hu ġġieled u tħabat sakemm fl-aħħar rebaħ.

"Il-Fidwa tal-Bdiewa" hi bla ebda dubju dramm ta' valur

letterarju għax fih hemm dik is-sengħa lirika u artistika li Cremona għaraf iħaddem tajjeb ħafna. Is-suġġett mimli b'sentimenti ta' patrijottiżmu u umanità, jitla' tajjeb ħafna għall-climax.

Nagħlaq b'kumment li ġà għamiltu fil-bidu ta' dan l-istudju: minkejja li t-tendenza u l-mentalità fuq il-Palk il-lum tbiddlet ħafna, b'danakollu d-dramm f'poeżija ma nqatax għal kollox. Tassew illi dwal tal-letteratura Ingliża bħal Richard Sheridan, Oscar Wilde, John Galsworthy, James Bridie, John Priestley, Bernard Shaw, u Somerset Maugham kitbu l-'plays' tagħhom fi proża, imma dejjem jibqa' l-fatt illi drammaturgi oħra, bħal T.S. Eliot, Norman Nicholson, W.H. Auden u Ronald Duncan kitbu f'poeżija, u l-influwenza u l-effett tagħhom fuq il-pubbliku kienu kbar ħafna. "Murder in the Cathedral" u "The Family Reunion" ta' T.S. Eliot, "The Old Man of the Mountains" ta' Nicholson u "This Way to the Tomb" ta' Ronald Duncan, kellhom suċċess fenomenali, u wrew illi l-udjenza tal-lum, għalkemm in-nies saru materjalisti u realistiċi ħafna, għadha tħoss ruħha miġbuda mill-elokwenza u l-ġmiel tal-poeżija. Hekk ukoll nista' ngħid għad-dramm liriku "Villon" ta' Robert Gordon Anderson maħruġ fl-art ta' Mammona, l-Amerika. Dan id-dramm poetiku joqgħod fost l-isbaħ u l-aqwa drammi li nħadmu fi żmienna.

Dan biex nuri, kontra l-idea mgħawġa ta' ħafna, illi d-dramm poetiku ma mietx. Imma kif ser nikklassifikaw "Il-Fidwa tal-Bdiewa" ta' A. Cremona? Ma għandniex xi ngħidu, għal dik li hi popolarità u addattazzjoni għall-Palk, ma tistax toqgħod ħdejn il-'plays' li semmejt hawn fuq, iżda nistgħu nqegħduha ma' 'plays' tal-kategorija ta' "Cenci" ta' Shelley, u "Samson Agonistes" ta' Milton, li nammirawhom bħala xogħlijiet sbieħ ta' poeżija u ta' djalettika, imma li fil-prattika ma nistgħux narawhom jinħadmu fuq li 'stage'. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, "Il-Fidwa tal-Bdiewa" tappartjeni aktar lil-letteratura milli lid-drama.

Ninu Cremona hu figura mill-iżjed importanti u interessanti fl-istorja ta' lsienna. Id-dawl li kebbes hu fil-letteratura Maltija jibqa' jixgħel matul iż-żmien fil-qalb kbira taż-żgħażagħ.

# MARJANA

## (LILL-MADONNA TA' LOURDES U TA' FATIMA)

*Ta'* WALLACE GULIA
*F'Santa Caterina d'Italia,*
*Valletta.*

Tfajla ħelwa, miexja
qalb il-ġilji u l-ġmiel
u x-xema' mixgħul;
fost il-fewġa u l-fwieħa tal-libien
mimli barka w isliem! la tħarisx
biss lejn l-art u l-firxa sabiħa tal-ward:
jien naf:
tqażżek il-materja li tfur mill-feriti
li ġbarna tul ħajjitna;
iżd'Int ismagħna,
u ieqaf magħna!

It-tfal ċkejkuna ġew quddiemek: sellmu
u miegħek tkellmu.
U jien fid-dwejjaq tad-dnub u d-dubju
tħajjart; u ġegħ'lt il-ħedla ta' riġlejja
twassalni fejnek; imbagħad fuq xofftejja
reġġajt il-kliem safjin li għedtlek, ċkejken
tarbija. Reġa' fuq xofftejja l-kliem.
'Mma l-fidi, t-tama, l-ħeġġa ta' l-imħabba
lil qalbi ma qanqlux u fi griżmejja
ħassejt il-qrusa ta' l-imrar ta' ħajja
ċinika, baħnana.

"Bħat-tfal iż-żgħar", kien qal; u Int mill-għoli
lit-tfal iż-żgħar kellimt fix-xemx u x-xgħari ta' l-Irja
u x-xtut ta' l-ilma jħaxwex fil-wied ta' *Massabielle.*
U jiena tlabtek għarkobbtejja fl-għar;
tlabtek fuq il-muntanji fejn iddamdam
il-Gava mistura fil-kesħa u ċ-ċpar; tlabtek
fil-grotta mudlama tal-knisja sewdiena
fil-belt tad-dħaħen kbar; (1)

(1) *Holy Name Church, Our Lady of Lourdes Chapel*—Manchester.

ghall-ħoss tal-qtajriet żgħar ta' l-ilma ġieri
tlabtek fil-ġabra tal-kappella ċkejkna
li qiegħda fuq is-swar; (2)
u għadni nitolbok tul il-jiem, l-iljieli,
o mbierka fost in-nisa!
'mma le bħat-tfal iż-żgħar.

Bħat-tfal iż-żgħar, kif nista'?
Nista' ninsa l-passjonijiet mixwija
fuq il-gradilja taż-żgħożija? il-għawi,
il-għelt, il-hemm? l-imħabbiet li ma kinux?
Il-ġlieda li ġġammar bħal fjamma fil-faħam
bejn 'nemmen', 'ma nemminx'? taqtigħ il-qalb
li jfarrak is-sider, u jtajjar in-ngħas
u l-ħolm sabiħ u l-milja tal-mistrieħ?
il-ġirja tal-merħla maħruba tal-mogħoż
ta' l-inċidenti misjuqin (bla ragħaj?)
ġo xulxin,
bla nifs għaddejjin?

Imma Inti taf, tfajla li tilgħab bix-xemx,
u mix-xitla tax-xewk fix-xitwa, toħroġ
il-warda sabiħa tas-sajf:
moħħ dudu ċkejken jitkagħweġ ma' l-art
huwa moħħna ħdejn moħħ l-univers!
Bil-għaraq tad-demm ifittex;
isib bit-tbatija; u meta jsib, jinsa
kemm ma sabx; jimtela fuqan bih innifsu;
u minnu nnifsu jrid ifisser kif
u għala; is-suriet u d-daqs ifassal;
ikejjel il-wesgħat bla tarf bl-ixbar;
u jwaqqa' għalih il-ġmiel u s-sliem, il-kobor
u l-waħx tad-Dwiem!

*Priez pour nous, Marie! Priez pour nous!*
li ma naqgħux
f'idejn id-dudu jitkagħweġ ma' l-art:
mitt id, mitt sieq imgħawġa;
xofftejn ebsin

(2) Il-Kappella ta' Lourdes fuq is-swar tal-Furjana.

fil-ħalq miftuħ-mitbuq imperrċin ikrah,
iħaffrulek il-ħofor fil-ħamrija,
isoffulek is-sinsla tal-ħajja :
ruħ bla fidi,
ġisem għalih bla ruħ mirgħun lill-mewt u t-trab!

U t-trab idarras; dellijiet il-mewt
ikexkxu; u biex tinsa, tarma tiġri
bħal tifel imwerwer mitluf
fil-folol fuq il-fosos tal-Furjana
nhar Kristu Re, mingħajr ma tagħraf telfek;
sakemm fil-*luna park* tal-ħajja tagħna
tistordi ddur u togħla, taqbeż, tgħajjat,
tfittex u tixtri l-ferħ! U meta tinżel,
tinżel u terġa' tinżel,
fid-dawra l-kbira li taqtagħlek nifsek,
fl-aħħar tintreħa biex tinżel; u tinsa
kif tfajla, imbierka fost in-nisa, bkiet
fl-Irja, fix-xemx u x-xita;
u fuq ix-xtut
ta' l-ilma jħaxwex
fil-wied ta' *Massabielle;*
għax *nous descendons al'enfer......*

*Priez pour nous, Marie! Priez pour nous!*
li ma nsibux ruħna fid-dlam
minn għalina fid-dawl; qalb il-ħalel
qalila u l-irwiefen imgħaddba
minn għalina fil-mirja
tal-baħar ileqq
taħt sema tas-sajf :
ferħanin fil-hemm : Ġaħan bil-bieb!

Ġunju-Settembru, 1954.

---

## QWIEL IL-BIDWI

Min jaħrat bil-ħmir u jkisser it-tub bin-nisa ma jeħux qoton.
Qotna tal-moħriet aħjar minn għaxra tal-bejtiet.
Ir-rigħi fil-ġbis ma jsemminx.

# Il-Letteratura Infantili Maltija

Essay ta' "CALAMUS"

FTIT kittieba Maltin messithom ix-xorti li messet lil Albert Marija Cassola li dejjem sab edituri li jilqgħuh b'idejhom miftuħa.

"Għadu Kemm Jibda!", "Ġabra ta' Ġawhar", "Vagiti", l-isbaħ tlieta editorjalment, "Żwieġ il-Mewt", "Kapitlu l-Aħħar", "Il penitente", u għadd ġmielu ta' opuskoli oħra bħal dawn, m'humiex ftit għal kittieb Malti żagħżugħ.

Imma l-kummedjografu li rebaħ tant konkorsi bl-atti tiegħu Taljani u Maltin, fosthom "Il-Magħmudija tal-Pupi" għat-tfal, in-novellier u poeta diversi drabi klassifikat l-ewwel, il-kittieb li xogħlijiet tiegħu sebqu f'kompetizzjonijiet lil dawk maqluba għall-Malti minn awturi barranin mill-aqwa nett, il-lum jiddi fl-istorja tal-kitba tagħna bħala l-"Missier tal-Letteratura Infantili Maltija".

U dan mhux minħabba t-tidwir fil-Malti ta' bċejjeċ żgħar bħal "The Little Match-Seller" (ta' Anderson) jew tar-raba' kapitlu ta' "Pier Giorgio Frassati", imma lanqas minħabba l-kollaborazzjoni tiegħu ma' May Butcher fit-traduzzjoni tal-ktieb "Emil und der Detective" u xogħlijiet oħra letterarji għaż-żgħar.

Kitba, din kollha, premjata f'konkorsi għal xogħlijiet għat-tfal, imfaħħra minn kritiċi serji, li ma nkun qiegħed inżid xejn magħhom jien, bil-kelma fqajra tiegħi.

Mela x'inhu li jaħtar 'il Cassola bħala dak il-kittieb li ħoloq fil-Malti l-letteratura infantili li jistħoqqilha tabilħaqq dan l-isem?

Fil-letteratura tarbija ta' Malta, ċerti suriet letterarji għadu ma ħolom bihom ħadd. Il-letteratura għat-tfal sal-bieraħ ma kenitx teżisti u lit-tfal tagħna kien ikollna nirrakkuntawlhom il-ħrejjef ta' Ġaħan li huma biss id-dell ta' ħrejjef qodma barranin.

Il-lum it-tfal għandhom "Il-Ġrajja ta' Ġoġò Rummiena",* ktejjeb li l-kritika laqgħatu tajjeb għax, għalkemm miktub għat-tfal, ingħoġob mill-kbar ukoll; u dik hija l-prova li ktieb għat-tfal ikun irnexxa!

Sogħba waħda għandu l-qarrej: dik li l-ktieb huwa qasir,

---

* Edituri: A.C. Aquilina & Co., Kingsway, Valletta, prezz 2s. 3d.

li l-avventuri donnhom jintemmu ħesrem.

Għax tabilħaqq dan huwa n-nuqqas tal-ktieb. L-awtur innifsu jistqarr fin-Nofs Kelma Qabel (għallinqas mhux dejjem Kelmtejn, kif iħobbu jgħidu l-kittieba kollha) li "għalhekk jiena temmejt l-aħħar ftit kapitli niġri niġri".

Imma għamel ħażin. Għamel ħażin iktar għaliex ġara li l-awtur ġibilna 'l Ġoġò Rummiena mibdul mit-"tfajjel" bla għaqal għal bniedem għaqli li għaraf il-għeltijiet tiegħu ta' qabel u li qatagħha li issa jimxi ta' raġel. Allura ma nistgħux nistennew segwitu għal din il-ġrajja? Dnub! It-tama tal-qarrej ma kenitx din! Il-qarrej li ssaħħar wara Ġoġò Rummiena ried ġrajja oħra, tbixkil ġdid, u għalhekk ma jistax jaħfer malajr lil dik il-"persuna għolja, twajba, istruwitissima, awtorità fl-edukazzjoni tattfal żgħar u fil-psikoloġija infantili" li, appuntu għax għandha dawn id-doti kollha, ma jmissha qatt ġiegħlet lill-Awtur itemm "l-aħħar ftit kapitli niġri niġri" biex "għaddejt il-manuskritt lil din il-għolja persuna li fil-veru sens tal-kelma ntilfet wara Ġoġò". Għax ara x'ġara! Htija tal-għaġla, li mbagħad irriżultat falza, il-ktieb għandu difett li seta' ġie evitat. Il-fatt li "hi ħaġa iebsa f'Malta tistampa ktieb bla ma tiżborża somma ġmielha" ma tinżlilniex, l-iktar fil-każ ta' Cassola li huwa mfittex mill-edituri għax ismu, imqar jekk m'humiex kotba għall-iskejjel dawk tiegħu (barra dan!), ismu huwa rahan ta' popolarità.

L-istudju tal-Malti baqa' ta' preġudizzju mal-kotra tal-Maltin li fih ma jaraw l-ebda utilità ta' xejn; għalhekk it-tfajjel li jkun imdorri jisma' biss u l-ħin kollu kontra l-Malti, ma jistax jiftaħ il-kotba fi lsienu bil-qalb. Għalhekk sewwa għamel Cassola li iddedika l-ktieb tiegħu lit-tfal bniet u subien li "jibdew l-istudju tal-Malti". Trid tibdielhom miċ-ċokon. Il-Malti jeħtieġ jinbeda bis-saħħa ta' kotba li jiġbduk, li jħajruk taqra iżjed, li jġegħluk issib ruħek, bħal Oliver Twist, "*asking for more*". Il-mediċina tat-tfal trid tidlikha bil-għasel biex

> "*succhi amari, ingannato, intanto ei beve*
> *e da l'inganno suo vita riceve*".

U tabilħaqq li għal min jitħajjar jaqra iktar ta' l-istess awtur hemm lista twila tax-xogħlijiet ta' Cassola fl-aħħar tal-ktieb.

L-idea tal-"persunaġġ" (x'taqbad issejjaħlu?) ewlieni Ġoġò Rummiena, li jitnissel mis-siġra tar-rummien (li minnha jieħu

ismu) hija maħsuba tajjeb għax fiha l-analoġija ma' l-inġenwità tat-tfal kollha li lit-trabi jemmnu li jsibuhom f'xi kabocca f'xi għalqa, taħt siġra, fil-għelejjel, insomma, li tagħti ommna l-Art. Hekk ukoll f'waqtha l-idea li Ġoġò dejjem jiftaħar bl-arblu tar-razza, biz-zokk tas-siġra li minnha ħareġ hu u għad joħorġu l-friegħi l-oħra wara ż-żwieġ ta' Ġoġò mat-tfajla ħelwa, umana, Buba. Indur fuq kliemi u ngħid : dawn il-friegħi jistgħu jkunu bidu ta' diżavventuri ġodda. Mhux li kien !

Il-persunaġġi sekondarji tal-ktieb, biex insejħulhom hekk, għalkemm bħal Bubu u Buba jagħmlu sehem qawwi, ma jitilgħu qatt fuq ras Ġoġò. Kieku l-awtur ħalla li dana jiġri, kieku Ġoġò kien jitlef mill-importanza tiegħu u kienu jitfuh. Imma le. Interessanti l-figura tal-Professur, ħelwa dik tal-Prestiġjatur fabbli taċ-Ċirklu, tal-ġgant imqit Campione, tat-tliet nisa ċentenarji, tal-Ġennien, tas-Surmast. Fuq kulħadd Bubu u Buba, ittewmin ħelwin li ma tistax ma tinġibidx lejhom—l-iktar it-tifla —u li jsiru ħobża u sikkina ma' Ġoġò.

Wara l-kapitlu introduttiv, mimli deskrizzjonijiet, kapitlu li jqanqallek il-kurżità u jifrex atmosfera ta' misteru fuq il-gżira ta' Maleth, l-isfond għall-ġrajja huwa dejjem milqut. Il-fantasija —xi drabi l-poeżija—hi magħġuna bis-sens psikoloġiku ta' l-edukatur, tas-surmast tat-tfal, u għalhekk in-nisġa bejn l-element mistħajjel u l-morali moħbija, li allura ma ddejjaqx, hi mibnija bis-sengħa ta' mgħallem fl-arti tal-kitba, bil-maturità ta' psikologu.

It-tfal iħossu ma' Ġoġò Rummiena li jridu jaqbdu ħabib, miegħu jidħku u jibku, jitmasħnu kontra x-Xemxin u jħennu għat-tfajjel maqbud mill-Mostru; miegħu jiġġieldu għall-ħelsien tat-tfal, miegħu jifirħu meta jilħaq sultan tax-Xemx u miegħu jitbeżżgħu meta huwa jniżżel bilfors ismu fuq id-dikjarazzjoni tal-gwerra kontra l-Qamar li "kien igħaddih biż-żmien u jidħak bih f'wiċċu".

Ġoġò Rummiena huwa divers minn Pinocchio daqs kemm huwa divers minn Emii u Peter Pan; Cassola huwa differenti minn Collodi, Andersen, Capuana, Vamba, Dadone u l-aħwa Grimm u l-kittieba magħrufa kollha u għalhekk il-ktieb tiegħu jibqa' fi klassi għalih. "Ġoġò Rummiena" tista' taqilbu f'ilsna oħra u jkun ħelu għall-qari universalment iżda l-karatteristika isolana Maltija tiegħu ma tistax ma titlifx xi ftit bħalma ma jistgħux ma jitilfux kemm kemm il-"cartoons" ta' Walt Disney kieku tfittex li tbiddlilhom (għallanqas biċċa minnhom) in-naz-

zjonalità u forsi wkoll l-ambjent.

Il-kotba bil-Malti għandhom ċirkolazzjoni żgħira; għax, b'xorti ħażina, bil-Malti ssib qarrejja li m'għandhomx kultura u li għalhekk iridu jaqraw biss ħwejjeġ dgħajfin letterarjament, affarijiet li basta jappellaw għall-istinti u għall-passjonijiet tal-bniedem li moħħu jkun baqa' fi stat salvaġġ u li ma jagħrafx il-ġmiel tal-kitba tajba u l-arti tal-kittieb għaref. Dawk imbagħad li huma kolti, jaqraw biss bil-lingwi l-oħra kollha li studjaw — Ingliż, Taljan, Franċiż—imma le bil-Malti. Jibdlu saħansitra—għax għalhekk wieħed jitmasħan! — il-kotba *penny dreadful* ma' biċċa proża ta' Temi Zammit, ta' Ġużè Galea, jew Ġużè Muscat-Azzopardi! Aħjar, għalihom, il-versi straxxnati ta' ħar-biexi Taljan (intennu, ħarbiexi) minn lirika ta' Rużar Briffa jew sunett ta' Dun Karm. Aħjar ġurnalaċċ Amerikan minn gazzetta tajba Maltija. Il-Malti f'idejhom jistħu minnu.

Allura, bilfors, iċ-ċirkolazzjoni tal-kotba Maltin hija żgħira wisq. Avvolja nammettu li l-poeżija l-lum ftit tinqara, imqar tkun b'liema lingwa tkun, u x-xogħlijiet tal-palk, ukoll barra minn Malta, in-nies ifittxuhom iżjed fuq il-palk milli fil-ktieb.

Imma ċ-ċirku ta' qarrejja tfal huwa bla tmiem u dawn la jkunu maturi biżżejjed biex jixtarru l-poeżija u lanqas bex japprezzaw it-teatru. Li jħobbu huma huwa dak li hu tagħhom : il-letteratura infantili.

Issa l-lum ħadet il-moda tal-"comics", ta' l-avventuri "a fumetti", kif isejħulhom it-Taljani, u li huma ikkundannati minn ħafna awtoritajiet bħala mezz ta' ħsara għat-tfal. Għalhekk jeħtieġ li bħal "Ġoġò Rummiena", imqar jekk mhux tal-portata tiegħu, ikollna iżjed, sabiex bihom nikkumbattu l-ħsara li qiegħda xi drabi tagħmel din ix-xorta ta' letteratura ġdida tip tal-"comics".

Dan huwa li jagħtina pjaċir meta naraw bidu ta' letteratura ġdida bħalma huwa l-ktieb ta' Cassola, ktieb ispirat, maħsub u miktub apposta għat-tfal minn min għandu l-kwalifiki kollha biex jista' jagħmel hekk.

Fost dawk li faħħru 'l "Ġoġò Rummiena" jiena nħossni bla leħen biex ingħid kelma wkoll. Imma l-popolarità li kiseb dan il-ktieb u l-kunsens ta' approvazzjoni ġejja sewwa sew minn qarrejja bħali, qarejja li għandhom għal qalbhom il-ġid tat-tfal ta' Malta u Għawdex, qarrejja li jridu jaraw f'idejn uliedna kotba li jgħaddulhom iż-żmien bla ma jħammġulhom ħsiebhom, bla ma jqanqlulhom qabel iż-żmien l-istinti naturali, imma li jiftħulhom għajnejhom billi jgħallmuhom, bla ma joqogħdu jippritkawlhom b'leħen li jwerwer u b'manjiera li tgerrex.

# O DULCIS VIRGO MARIA !

**B'Tifkira tas-Sena Marjana 1954**

*Ta'* DUN FRANS CAMILLERI

Hemm ġenna ta' sbuħija u ta' ħlewwa
F'dak ismek ħelu, mimli armonija,
Li jxerred fl-univers il-ġmiel u t-tjieba
U l-ikbar glorji tiegħek, o Marija!

Min ħalqek, qabel sirt, kont l-għaxqa Tiegħu...
U riedek sbejħa, b'setgħat kbar imżejna,
Kif jixraq lil Omm Dak li jista' kollox,
Li, wara dnubna, dawwar ħnientu lejna.

Għall-merti t'Ibnek — li Hu kiseb lilek
Minn qabel ma kont int — mid-dell tal-ħtija
Int sfajt meħlusa u minn kull tebgħa mħarsa
Bi privileġġ waħdien fost il-mifdija.

Għajnejn Min ħalqek tgħaxxqu bik, u Lilu
Għoġbuh dik l-umiltà u s-safa' tiegħek.
Int xtaqt li tibqa' Verġni, Hu għażlek b'Ommu:
Verġni u Omm?... Hu reġa' waqaf miegħek.

Kif omnna Eva, għall-kburija tagħha,
Nisslet lilna fid-dnub, hekk int, ħanina,
Fiċ-ċokon tiegħek ġbidt il-ħarsa t'Alla
U sirt l-Omm ħelwa ta' Min ġie jifdina.

"Is-Sliema" ntennu ma' l-Arkanġlu sbejjaħ
Li ġie jwassallek dik l-aħbar mis-Sema.
"Ave Maria" baqgħu jsellmu l-ħlejjaq
U jibqa' għal dejjem it-tislim jinstema'.

Oh, kif tiġbidna lejk il-ħarsa tiegħek,
Qaddisa u ħelwa, u kif jitmewtu fina
Kull ħsieb ta' żina u kull xewqa fiergħa!
Oh, kemm terfagħna 'l fuq ħarstek ħanina!

Kif nistgħu ma nħobbukx, o Xbejba Mbierka,
Jekk inti hekk għażiża quddiem Alla!

Kif nistgħu ma nfaħħrukx jekk Huwa riedek
Fis-sema, fuq kulħadd, fil-glorja mtallgħa!

Int Bint in-nisel tagħna, o Marija,
U, Bniedma bħalna, int taf xi tħoss din qalbna.
Fil-glorja tiegħek, fl-ikbar ġieħ tas-sema,
Int għadek Ommna: tinsiex tisma' talbna!

"Imbierka fost in-nisa! Imbierka! Imbierka!"
Sejħulek il-ġnus kollha bl-akbar qima.
Kif fil-"Magnificat" ħabbart, Marija,
Tibqa' ħierġa mill-qlub din it-tislima!

## NIFIRHU

Nifirħu lin-Nutar Dr. V. M. Pellegrini li għall-meriti tiegħu u ħidma tiegħu fil-kamp letterarju f'dawn l-aħħar 25 sena ġie maħtur bħala delegat ta' l-"Unione Poeti e Scrittori Cattolici Italiani" fil-gżira ta' Malta. Fil-waqt li n-Nutar Pellegrini laqa' din in-nomina li ġiet mogħtija lilu u li żżidlu ġieh ieħor ma' dak li kiseb fil-karriera letterarja tiegħu, huwa jittama li ma jdumx ma jirċievi istruzzjonijiet għall-ammissjoni ta' dawk il-poeti u prożaturi li jkunu jridu jidħlu membri ta' l-imsemmija għaqda letterarja.

Lis-Sur Pellegrini nixtiqulu riżq fix-xogħlijiet letterarji li bihom, nittamaw, jissokta jżejjen l-isem ta' Malta.

## MEMBRI ĠODDA

Patri D. Mintoff, O.F.M.

## ERRATA CORRIGE

Fit-tieni ktieb ta' "Il-Malti", Ġunju 1955 (in-numru ta' qabel dan li għandkom f'idejkom) iridu jsiru dawn it-tiswijiet:

L-ewwel biċċa tal-paġna 62 trid tiġi flok l-ewwel biċċa tal-paġna 64.

L-ewwel biċċa tal-paġna 63 trid tiġi flok l-ewwel biċċa tal-paġna 62.

L-ewwel biċċa tal-paġna 64 trid tiġi flok l-ewwel biċċa tal-paġna 63.

# ĠANNINA

*Ta'* ANTON AGIUS

*Lil Habibi Ġużè Borg Pantalieresco, P.L.*
*b'radd ta' ħajr minn żagħżugħ lil dax-xwejjaħ*
*li fil-kitba tiegħu dejjem fakkar lil għajru fil-fqar.*

BHAL Ġannina kien, għad u jibqa' jkun hawn sakemm il-bniedem jibqa' li hu.

Ġannina la hi mara, la xbejba u lanqas xi tifla, iżda raġel. Il-lum igħodd bejn il-ħamsa u tletin u l-erbgħin, jew forsi xi ftit fuqhom. Ma nafx sew kemm, iżda hekk jidher li għandu.

In-nies għammditu Ġannina. Laqqmitu hekk għax leħnu baqa' rqiq u meta jitkellem jinstama' bħallikieku xi mara qiegħda tixher. Mixjitu ferrieħa tixbah lil ta' papru u t-tixjira ta' siequ fil-mixi tfakkrek f'żifna kiebja ta' wieħed imherwel. Hawn min tisimgħu jgħid li għandu żegliga ta' xbejba kiesħa u minfuħa biha nnifisha, mixja li għal raġel ma tixraqlux. Għan-nies Ġannina hu tad-daħk.

Minn surtu jġagħlek tħares lejh darbtejn : qsajjar, għoddu qerqni, irqajjaq donnu qasba, idejh aktarx jidhru itwal milli jmisshom ikunu, rasu magħmula kemmxejn kbira għal spalltu, wiċċu ġej ftit imżerżaq għax ix-xedaq maħruġ il barra u ġbinu mdaħħal 'il ġewwa. Billi xagħru dejjem imġiegħed dritt lura, id-dehra ta' rasu tinħass aktar imxaqilba u mgħattna lura. Hofret għajnejh, miġbudin nitfa 'l ġewwa, jaqilgħulu għadmet ħaddejh il barra, u dan jagħtih dehra ta' wiċċ il-mewt. Wiċċu, wiċċ il-għaks u t-tbatija.

Meta jiftaħ fommu, joħroġ leħen qisu ta' mara. Jibda biex ilissen dak li jrid igħid, tistħajjel qed tisma' tnewwiħ u twerżiq imkarkar li ma nafx tistax tisma' minn fomm ta' raġel u bil-kemm il-kemm ta' mara. Ngħid għalija, qajla nqisu leħen ta' mara jew ta' raġel : aktarx jixxiebah ma' ta' barra minn hawn li daqqiet joħroġ minn ġisem magħtur u moħli mill-moħqrija ta' għemil żieni.

Miskin, ma ġab xejn b'idejh, għax minfuq moħħu nieqes. X'ma tixxigħelx in-nies! B'għemilha kiefer aktar tkiddu u tħeffiflu triqtu lejn il-ġenn u qabru.

Leħnu jgħajjatlek tisimgħu. Mhux biss tara x'inhu jgħid,

iżda jiġbdek biex toqgħod dewhien tisimgħu bil-ħerqa li ma titlifx xi nitfa minn kliemu. Moħħok u għaqlek jintefgħu fuqu, biex wara li jkun għadu qal xi żewġ kelmiet jew fl-aħjar itemm kliemu, tħoss x'jimbuttak tiddieħak bih jew jekk tagħdru, titboq fommok. Għandu moħħu bħal ta' wiżża dgħumija. Kliemu huma mera ta' għaqal dgħajjef, jekk għandu. Moħħu vojt, jew biex iħennu għalih, igħidu li moħħu mhux floku. In-nies għalhekk tfittxu, ħa tidħak. Mill-bqija, jekk kiel kiel, u jekk ma kielx, l-istess.

Biex tagħqad, il-lewn ta' ġildu jżid isebbaħ il-kwadru. Iddbabar mitfija ta' għakal ma' għonqu u minkbejh, jitħalltu massmurija bix-xmux li kiel fuq dahru biex ilaqqat il-loqma ħobż li ta' kull jum jeħtieġ l-istonku ċkejken li għandu. Mat-tixjira ta' idejh il-liwja ta' ġismu, daqqiet tilmaħ xi tiżrita titbewwaq u toħroġ fil-għera roqgħa laħam imlewta, imkemmxa u mlanżta.

Ilbiesu, imlaqqta, imraqqgħa jew fl-aħjar l-irqajja' ma jafux bihom, jagħtuh dehra tal-buffu tal-kummiedja. F'saqajh, meta ma tkunx ħafja, ixidd xi papoċċ qadim, bil-qiegħ tal-lastku u bil-wiċċ tal-kanvaz, u lewnu safrani mkagħbar bit-trab. Minn toqba kull naħa tal-papoċċ, tilmaħlu ħerġin subgħajh iż-żgħar mlwijin il ġewwa u miksija b'kallu oħxon. Drabi l-papoċċ jew iż-żarbun tista' tarah sew billi l-keffa mtentxa tal-qalziet twil tkun xi xiber u nofs il fuq, u tħalli mikxufin wiċċ is-sieq, l-għaksa, l-għarqub u l-qasba ta' siequ niexfa għuda u mgħaddma, b'erba' ħjut ta' vini koħol imqabbżin il barra. Drabi kollox jistaħba taħt keffa wiesgħa baħar li mal-mixja erħilha tperper 'il quddiem u lura.

Tgħolli għajnejk ftit il fuq, issiblu l-warrani miksi b'żewġt irqajja', waħda kull naħa, ta' lewn ma jaqbilx mal-qalziet. Ftit li xejn tilmħu bi ġlekk; barra qmis ma ssiblu ebda għata bħal sidrija. But in-naħa tax-xellug tal-qmis jaqdih għal kollox, dejjem imdendel u mgħobbi b'aktar milli jista' jasa'. Mhux l-ewwal darba u tnejn tarah bil-qmis ħierġa minn barra u tperper ma' qaddu, meta jkollu waħda. Aktarx issibu bi flokk tal-flanella biss, iswed faħma, għax il-qmis ibiddel biha. Kull qmis li jitfa' fuqu Ġannina, għalkemm imkagħbra, ikollha bħal seħer li jiġbidlek ħarstek. X'ma tħarisx! L-aktar meta jkun liebes donnu ħożoż! Meta mbagħad ikollu l-qalziet twil imħaddan tajjeb minn ċinturin xiber 'l isfel miċ-ċinta, lil Ġannina tistħajlu trajbu għaddej. U n-nies ma tonqosx li tħares, tiflih x'inhu liebes,

tmaqdru, tinbxu u tidħak.

Taraħ jimxi, jitfa' pass ftit imgħaġġel u mkaxkar il qud diem, waqt li fl-istess ħin iżegleg ġismu kollu mal-qadfa, tistħajlek tara wieħed xurban li għadu f'sensih. Mixja mferċħa għandu. Għaddej mit-triq, għid li ssiblu tfal żgħar iħeffu warajh bil-gzuz, xi żgħażagħ jidħku u jgħaddu ż-żmien bih, xi xbejbiet fuq ruħhom iżżejjed iniggżuh u jsejħulu b'għajta mkarkra, "Ġannina", u dikment jinfexxu jiddieħku ma' xulxin bħallikieku qabdithom xi daqquqa tad-daħk. L-irġiel qishom mhumiex huma, daqqiet ma jintebhu b'xejn, jew xi kultant issib min minnhom igerger u jitkaża bl-imġiba tal-poplu.

Ġannina, biex jaqla' biċċa ħobż ħażin ħażin, niftakru għamel ħabta jdur b'turtiera pastizzi miżmuma taħt abtu. Bil-ħanġra li jiftaħ, kont tisimgħu ġej minn erba' kantunieri bogħod. Mill-ewwel tagħrfu leħnu rqiq, iżarżar il-ħâra kollha. Malli jbexxaq fommu, erħilu jkarkarha, "Sħan u tajbin... sħan u tajbin". U Ġannina, b'rasu u qaddu mitfugħin u mġennbin 'il quddiem, bit-turtiera magħfusa ma' ġenbejh in-naħa l-oħra, iterraq 'l hawn u 'l hinn mis-sebħ sad-dlam. Mhux l-ewwel u tnejn jisma' min igħannihielu: "A Ġannina... A Ġannina", biex igħajbu u jiddieħak. Mingħalija, xi darba jidhirli li qaluli li ġie li sab min jitħajjar jitfagħlu t-turtiera b'kollox fl-art. Jew, fl-aħjar, xi sabi ħażin erħilu jlebbet warajh u jagħmel ta' bir-ruħu ser jeħodlu t-turtiera. U dak il-mingħul u n-nies jitpaxxew jaraw lil Ġannina beżgħan beżgħan jiġri quddiem qisu fenek imgerrex biex jaħarbu, waqt li l-imsejken jaħfen tajjeb u jgħożż it-turtiera iżda fl-istess ħin imtaqqal u mfixkel minnha.

Tarax, bħallikieku Ġannina jgħix biex in-nies tinbxu u tiżżuffjetta bih! Meta tiġi għall-fastidju, iftħilha l-bieb. Taħseb xejn, għaldaqshekk in-nies mhix ser tibqa' lura.

Ma nafx sewwa jekk kienx jiġi jbigħ in-naħa tagħna wkoll. Għalija donnu dieb, għax issa ili s-snin li rajtu jdur xi darbtejn jew tlieta l-Ħamrun b'turtiera pastizzi.

Ġannina baqa' li kien, moħħu qasir, u ma nafx jistax xi darba jistejqen. Sat-tfal tintebah bin-nuqqas tiegħu. Tifel qalli li xi xahrejn ilu ried jidħol ġo dak it-tokin li hemm il-Ħamrun quddiem Tax-Xjuħ, u b'xelin wieħed ried u ħaqqaq li kellhom jidħlu hu u jdaħħal miegħu xi tlitt itfal oħra. It-tifel li qalli l-praspura ried ifehemni kemm hu msejken Ġannina jaħseb li b'xelin jidħlu erbgħa min-nies, meta sa t-tfal iż-żgħar jifhmu li

trid erba' xelini.

Mhux hekk biss, jew dak in-nhar stess, jew darba oħra, Ġannina kien wara l-bieb tat-tokin u ruxxmata tfal inġabru madwaru bħal ferħ naħal mal-għasel. It-tfal, bħad-dubbien meta jxomm il-mard, ifittxu ma' min iduru u ma jitilqux b'xebgħa stanga. Wara l-bieb tat-tokin dejjem jinġabru gozz tfal jiddieħku, jitbahardu, jittallbu biex jidħlu, isaffru, ipejpu, ilabalbu, jitliegħbu u jinbxu lil xulxin. Ara rasek iddendel kusek magħhom! Taf kif inhuma t-tfal: rassa minn hawn, imbuttatura minn hinn, xi daqqa bil-minkeb minn taħt, irfis kif ġie ġie, tilwim, tiġbid, tiċrit u tqattigħ tal-qomos lanqas ikunu jafu kif... u dan Ġannina sab ruħu mdawwar bit-tfal bħallikieku kien l-arblu ta' Mejju. Fehem li ma setax jibqa' hemm. Ħtieġlu li minn wara l-bieb tat-tokin, idawwar denbu u jitlaq 'l hinn biex jara kif idabbar rasu.

Irħielha għall-Blata l-Bajda biex jeħles mis-saram li sab ruħu fih. X'jeħles, jeħles! Telqulha għal warajh biex jaraw x'ser jiġri, u Ġannina kont tistħajlu l-Irxoxt nhar Sibt il-Għid. Quddiem Ġannina, iħaffef u jħaffef biex jitbiegħed minnhom, u wara dawk l-egħfieret saqajhom ħerqana jlaħħqu miegħu. Daqqiet Ġannina jdur f'daqqa, ixejjer idu bħallikieku ser isawwathom u biex jurihom ftit tal-qilla, bla ma jrid, ifergħen xi tnejn. It-tfal jaħbtu ser jitilqu jiġru, imma bħad-dubbien fitt, la laħqu tkaħħlu miegħu, mhux ser iwarrbu kif ġieb u laħaq. Bit-tiela' u bin-nieżel, iċ-ċorma fost id-daħk u t-tgedwid waslet il-Blata l-Bajda. Hemm Ġannina sab il-beraħ fejn sata' jaħrab. Tista' tgħid, hemm sab ruħu waħdu mat-tfal. Għamel li sata', isserdak xi ftit u xeħtilhom xi ġebla li ltaqa' magħha, minn qalbu ħarġet xi għajta ta' dwejjaq, gemgem erba', fergħen tnejn, u tajjeb jew ħażin, fl-aħħar ħeles minnhom. Ma kienx jeħlisha kif ħelisha li ma ġibidx barra mill-Ħamrun, għax tista' tgħid li t-tfal ħallewh waħdu għax intebhu li tbiegħdu ġmielhom minn ħdejn it-tokin u djarhom.

Ġannina għandu mit-tfal: ma jagħrafx jistor dak li jħoss. B'hekk in-nies tintebah bin-nuqqasijiet tiegħu u erħilha tinbxu. Bħal dak in-nhar li tlajt fuq karrozza tal-Ħamrun sejra l-Belt. Lanqas domt erba' minuti bil-qiegħda li min-naħa ta' wara ma smajtx għanja mkarkra tilminta li l-għannej jinsab imdejjaq għall-mewt. Min ħares lura lemaħ lil Ġannina mixħut fuq bank ta' wara, b'idu ma' geddumu, igħawweġ u jilwi ħalqu mal-kisra

tal-leħen. Malli fetaħ ħalqu, min ħares lura u tbissem, min taħ daqqa t'għajn biċ-ċiera, min ħareġ rasu aktar 'il barra mit-tieqa biex bħallkieku la jara u lanqas jisma', min għadru u min żellaqlu xi kelma biex igħaddih biż-żmien. Imnalla kien għal xi nofs in-nhar u matul it-triq ftit li xejn għabbejna nies u waqafna fit-triq. Ħalli għalihom in-nies biex joqogħdu jħarsu meta jisimgħu dak it-tinwiħ kollu! Ġannina ma stabarx jieqaf, u l-ħin kollu jredden li ħoss dwejjaq kbar u li hu bil-ġuħ.

Meta wasalna l-Furjana ma għarafx sew jekk riedx jinżel fil-waqfa tal-karrozzi kif tilwi mat-telgħa ta' ħdejn Sarrija jew l-oħra ħdejn nofs il-ġnien tal-Mall. Dak tal-karrozza ma qagħadx jistenna lil Ġannina jaħsibha. Isuq kien u jsuq baqa'. L-imbierek ta' Ġannina, igedwed u jgħanni, ma ċempillux mill-ewwel lix-xufier biex iniżżlu maġenb il-Mall. Ix-xufier ftit li xejn stabar b'Ġannina u baqa' jsuq. Miskin, Ġannina ntebaħ li l-karrozza ser iddaħħlu l-Belt, u beda jnewwaħ u jokrob. Dak ix-xufier ftit ta każu. Iżda nqala' wieħed li biex isabbru qallu li ma kellux jagħmel għajr li jerġa' jdawwar denbu lejn il-Furjana u billi t-triq ma kenitx twila, ma kellux għalfejn joħodha bi kbira. Meta waqfet il-karrozza ħdejn Putirjal, kulħadd niżel u Ġannina kellu bil-qalb it-tajba jeħodha bil-mixi lejn il-Furjana f'xemx taqli l-ftajjar u riħ isfel jagħmlek għasra. Kulħadd niżel u telaq lejn xogħlu. Ma nqala' ħadd jagħtih daqqa t'id, għax wara kollox in-nies dehrilha li Ġannina kien sejjer naħa u l-bqija lejn oħra. Il-biċċa li ġratlu dak in-nhar sata' jgħoddha ma' l-oħrajn, dak l-imsejken.

U Ġannina ma jaqta' qatt iħabbat wiċċu mal-praspar u s-saram li jiltaqa' magħhom ta' kuljum. Ftit, narah, jaf bi ħlewwiet tal-ħajja. Lil Ġannina la naf li semgħuh u lanqas ma smajtu xi darba jidħak. Aktarx li ma jafx jidħak. Wara kollox, ma nistennihx ikun jaf billi l-ferħ u t-tpaxxija jnissluh id-daħk. U mbagħad, id-daħk għal Ġannina hu ikreh mid-dnub. Widnejh u moħħu ilhom marida sewwa u mwaġġa' bid-daħk li l-bnedmin sqewh. Ġannina, ħaġa waħda biss jaf, li ħaddieħor jiddieħek bih Iddur fejn iddur, id-daħk hu semm għalih.

Id-daħk jisrom lil Ġannina għax ibikkih u jdewqu l-imrar. Din id-diqa fir-ruħ u l-qalb ta' Ġannina min-naħa tagħha daqqiet tisrom lil xi wieħed barrani. Hekk ġrali jien nhar dik il-għaxija li Ġannina daħallu fellus f'rasu li ried iwikkini bih.

Ilu ftit, is-Sibt fil-għaxija għal xi l-ħamsa u nofs daqqu,

waqafna nitħaddtu jien u xwejjaħ ħdejn Putirjal, il-Belt. Konna ħdejn it-tarf tal-bankina, in-naħa ta' fejn hemm il-venda tal-karozzini. Dak il-lok igħaddu minnu mijiet u eluf ta' nies, min ġieħel u min ħiereġ. Mhux biss, hemm jieqfu gzuz ta' nies ipaċpċu u jreddnu qabel ma jinfirdu u jmorru bil-karrozzi tal-linja lejn djarhom. Fuq kollox, kien is-Sibt, u dak il-jum, aktar u aktar dawk il-ħinijiet, tidħol il-Belt nies aktar mill-jiem tax-xogħol. Geġwiġija liema bħalha! Jekk tgħaddi żunżana żżanżan, stenna li kulħadd jismagħha. Jew, jekk tagħtas, fis għexieren fuq għexieren ta' għajnejn jaraw xi ġralek. Aħseb u ara, jekk jinqalagħlek xi għawġ!

Ma nafx kif, bħallikieku nibet f'daqqa, ġie Ġannina fuqna. Ħasadna. La qatt stennejtu jinqala' dak il-ħin u lanqas rajnih ġej. Dak l-imbierek miegħi qabad. Waqaf quddiemi, u bejn il-ħasda li tani u bejn li stennejt tinġama' n-nies, fixilni. Bqajt għal ftit inħares lejh miblugħ, ma nistax nifhem x'inqala'.

Biex ikellimni waħħal wiċċu ma' tiegħi, ċaqlaq u ferfer idejh ma' kull kelma li qal biex aktar ifehemni x'ried igħid, u b'leħen għoli qabad inewwaħ, jingħi u jokrob waħda f'waħda : "Sinjur, agħtini x-xogħol. Iktibli karta. Ħaddimni. Jaħasra, m'għandix x'niekol! Bil-ġuħ jien. Iva, ibgħatni mqar f'latrina. Iva, sinjur, anki f'latrina mmur jien. Jien naf innaddaf latrina......"

Ma stajtx inħallih jibqa' jredden. Kelli nara x'inpasparlu. "Ġann, isma' minni," qtajtlu kliemu. "Mur għand il-kbir tal-Gvern. Taħseb xejn, dak żgur jaħsiblek għal kollox".

Bla sabar, Ġannina ħatafni fil-kliem u qalli : "Tal-karrejja tiegħi kollha ġegħilthom jivvotawlu. Imma int......"

"Ara Ġann", ridt infiehmu meta ntbaht li ser jerġa' jitlobni l-karta tax-xogħol. "Isma' minni, il-Kap jaqdik."

Ma riedx jisma'. Reġa' qabad il-kantaliena li jrid minni l-karta tax-xogħol. Tatni rasi. Ġannina jgedwed u jgħid waħda f'waħda, ħsibtu ser jiġbor in-nies li ma hedewx għaddejjin madwarna. Bejn tħassartu u għadirtu u bejn kelli aptit nagħtih f'idejn ċorma xjaten u jeħduh minn quddiemi. Kif taqbad tfiehem lil dak l-imbierek dak li ma setax jifhem!

Imnalla li dak ix-xwejjaħ li kelli miegħi ġietu f'rasu jgħidli : "Ara, int iktiblu karta." Ix-xwejjaħ ħares lejja u tani ħarsa li tfisser. Fhimtu x'ried igħid.

Dort fuq Ġannina u b'leħen imqit u sod, għidtlu : "Iskot u

nirrangalek." Ġannina waqaf, ħa r-ruħ u wiċċu mtela dawl.

Deffist idejja ġol-but u fittixt biċċa karta. Biex tagħqad, tentuxa karta bajda tajba għall-kitba, ma kellix. Il-karta waħdiena li kelli kienet reklam tal-film taljan "Capitan Fantasma" li kienu tawni qabel jien u dieħel il-Belt. Fil-faċċata ta' quddiem kien hemm stampa ta' xiber u nofs turi tnejn bix-xwabel imsallba jiddwellaw u xbejba liebsa mqaċċat tħares lejhom beżgħana. Ma nafx kif Ġannina li ma qalax għajnejh minn fuqi, ma ntebahx jew għaddielu minn moħħu li l-karta ma kenitx għajr reklam. Għajnu lanqas biss għokritu jew tħasseb meta ra dik l-istampa daqshiex. Ħfint iż-żewġ folji tar-reklam bejn idejja, tnejt biċċa vojta mogħla żewġt iswaba' mit-tieni faċċata, u żarrattha. Il-bqija tfajtha fil-but. Ħriġt pinna mill-but tal-ġlekk bla għaġla xejn. Kollox bil-lajma għamilt, bħallikieku qed issir xi ħaġa ta' ħajja jew mewt. Ġannina qagħad b'dehwa kbira jħares, sieket u ħerqan jistenna, jara x'ser jiġri.

Fuq dik il-biċċa karta lewn il-laringa ktibt bil-magħqud, kemm jista' jkun fil-kobor, kelma waħda li ġietni f'rasi dak il-ħin bħal leħħa ta' berqa. Tistaqsunix għaliex, naf li ħażżiżt "Għinuni". Malli lestejtha, tajtha lix-xwejjaħ ħabib wieqaf ħdejja u staqsejtu: "Tajjeb ktibtlu, Sur Ġużè?"

Ix-xiħ ħadha, qraha, u minnufih qalli: "Tajjeb...... tajjeb wisq."

Dak li kien jistenna Ġannina. Malli semgħu jgħid hekk, mill-ewwel ried jaf: "Issa fejn immur biha?"

"Mur dritt il-Palazz. Hemm igħidulek kollox. Sib is-surġent fil-bieb il-kbir u agħtihielu." Hekk bla ma qistha ġieni l-kliem f'ħalqi. La ridt u lanqas daħalli ħsieb inqarraq bih. Għal Ġannina l-kelma Palazz swiet li ma ngħidlekx għax m'hemmx fejn tasal aktar. Għalih il-Palazz hu l-għajn tal-Qawwa, u minn hemm ried itaffi d-dieq tiegħu u jsib l-għajxien.

Tnejtlu l-karta fi tnejn u tajthielu. Laqagħha b'għożża kbira, għajnejh maqfulin fuqha. Barra minn sensih bil-ferħ, tnieha b'dehwa għal darb'oħra u għalaqha f'idejh ix-xellugija. Imbagħad f'daqqa waħda tbaxxa, b'idu l-leminija ħadli idi x-xellugija f'tiegħu u biesha. It-tħakkik ta' geddumu mlanżat u l-mess ta' xofftejh mal-wiċċ ta' idejja, ħasduni u bħal qajmuni mill-ħolma li kont fiha. Bla ma ridt, fis ġbidt idejja lura, u wissejtu: "Mur, Ġann, għax issibu magħluq".

Ġannina ma riedx isib il-Palazz magħluq. Tqanqal minn

ħdejna, għolla idu l-leminija għerja u muswafa ma' wiċċu, b'tislima baxxa kemmxejn rasu mgħobbija b'luppata xagħar maħmuġ u magħqud, imlewwen bi dbabar ta' xagħar iswed fuq il-quċċata ta rasu, abjad fuq widnejh u xaqran in-naħa tal-qurriegħa; u fl-aħħar telaq. Qabad pass ħafif u telqilha għal ġewwa l-Belt. Dieb ġol-mina u ntilef qalb il-folla.

Harist madwari. Stennejtni nsibna mdawrin b'qabda wċuħ libsin daħki ta' tmasħir. Stagħġibt, kulħadd kien sejjer għal xogħlu. Ħadd ma edha bina. Ħassejtni mistrieħ bħallikieku neħħejt għoqla minn fuq l-istonku tiegħi.

Ma ridtx nibqa' hemm. Rikibni bħal reqqet ir-ruħ u kelli sebà mitt sena nwarrab minn fejn konna weqfin. Ma nafx sew fejn ridt immur. Li naf sew kien li ridt inwarrab minn hemm bla dewmien ta' xejn. Ridt intajjar u nneħħi għal kollox il-fakra ta' dak li ġara. Fuq ix-xwiek, sellimt bil-ħeffa lix-xwejjaħ li kont nitħaddet miegħu u nfridna.

Ma stajtx nagħmel aħjar milli għamilt, kemm għalija u kemm għal Ġannina.

Lil Ġannina stennejtu jerġa' jitfaċċa jiġri lura bil-karta f'idu jfittixni, u b'idejh f'wiċċi jitlobni ngħidlu għaliex dħakt bih.

Kif ħelisha ma nafx. Lanqas naf jekk ħallewhx bi kwietu hu u għaddej mit-triq, jew jekk irnexxilux tabilħaqq jasal il-Palazz. Iżda nista' nobsor x'seta' ġralu jekk iltaqa' ma' min ftit li xejn għandu żmien u ħsieb x'jitlef għal min hu bħal Ġannina.

Hekk qed igħaddiha u jkollu jgħaddiha ħajtu Ġannina, ilsir ta' għajru.

---

## IR-RATI TA' ĦLAS GĦAT-TRASMISSJONIJIET TA' XOGĦLIJIET LETTERARJI MINN FUQ IR-REDIFFUSION

Bħalma kulħadd jaf il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" kienet ħadet inizjativa biex isir ftehim mal-Kumpannija tar-Rediffusion fuq il-ħlas li jmiss lill-Awturi għal xogħlijiet letterarji mxandrin fuq ir-Rediffusion. Wara ħafna laqgħat u korrispondenza sar ftehim li jaqbel lil kull min kien interessat f'dil-ħaġa.

Aħna l-lum sejrin nippubblikaw estratt tar-rati ta' ħlas iffissati skond il-ftehim li sar bi skrittura privata għat-trasmissjonijiet ta' xogħlijiet letterarji għall-informazzjoni tal-membri tal-"Għaqda".

L-inqas rati ta' ħlas :—

**Novelli u xogħlijiet oħra letterarji** — 5 minuti — 10s; minn 5 sa 10 minuti — 20s; kull 5 minuti oħra sa l-eqreb 5 minuti—5s.

**Diskorsi** — 15-il minuta — 25s.

**Poeżija** — ta' 24 vers (dattilografata) — 10s; minn 25 sa 60 vers — 20s; 'il fuq minn 60 vers — 30s.

**Rumanzi u Bijografiji** — l-ewwel 10 episodji ta' 30 minuta kull wieħed — 40s. kull episodju; episodji ta' wara l-ewwel 10 — 30s. kull episodju.

**Ripetizzjonijiet ta' Romanzi u Bijografiji** — l-ewwel episodju ta' 30 minuta — 40s kull episodju; episodji ta' wara l-ewwel wieħed — 30s. kull episodju.

**Radjodrammi** — 15-il minuta — 60s; 30 minuta — 80s; 45 minuta — 100s; 60 minuta — 160s; 75 minuta — 180s; 90 minuta — 200s.

---

## GHALHEKK INHOBBOK

*Ta'* V. M. PELLEGRINI

Inħobbok tfajla mhux għax sbejħa
u twajba,
mhux għax f'għajnejk ileqq
id-dawl tal-ġenna,
inqas għax għandek f'idek
ħlewwa safja
li tmellisli ħaddejja
jew għax b'xufftejk tgħaxxaqni
waqt bewsa bellusija.

Inħobbok għax fi kliemek
hemm il-għaqal,
għax f'moħħok l-għerf tal-ħajja,
għax f'qalbek tidwi l-milja
tal-għerf kburi
li ġie mill-bniedem
f'kotba sbieħ imsawwar,
u int għaraft tisirqu bl-ikbar ħrara.

Għalhekk inħobbok,
għax l-imħabba l-oħra
li tiġi fina minn l-istint ewlieni
int taf tlibbisha
u lili tagħtihieli
imżejna b'kull ma fih il-ġmiel tal-għodwa.

---

**KORRISPONDENZA:**

## MALAPROPISMI FL-ILSIEN MALTI

*Inġibu din l-ittra ta' Albert M. Cassola, F.I.L., fuq il-Malapropismi fl-Ilsien Malti u biha nagħlqu l-polemika:—*

117, Triq Ridolfo, Sliema.
20 ta' Novembru, 1955.

Sur Editur,

F'"IL-MALTI" bid-data ta' Ġunju, 1955, is-Sur Ġużè Abela reġa' kitblek fuq il-kwistjoni li kien qala' dwar l-artiklu tiegħi fuq l-Malapropismi fl-Ilsien Malti.

Issa l-pożizzjoni hija dik tal-kontroversji kollha : huwa jsostni ħaġa u jiena nsostni oħra. L-imħallef, għalhekk, ma nistax inkun jien imma lanqas hu. Għaldaqstant jiena ikkwotajt dizzjunarji awtorevoli li jikkorroboraw l-argumenti tiegħi (ara l-ittra tiegħi f'IL-MALTI ta' Ġunju, 1954). Is-Sur Abela, iżda, wara li huwa nnifsu qal : "Naqbel mad-definizzjoni tad-dizzjunarji", ftit wara żied : "Għalxejn wieħed jikkwota lil dak u lill-ieħor jekk ma jikkwotax ukoll ir-raġunijiet li għalihom żamm ma' din u mhux ma' dik l-opinjoni."

Mela ninsabu jiena u d-dizzjunarji minn banda u s-Sur Abela u l-opinjoni tiegħu nnifsu mill-banda l-oħra. Lili togħġobni l-kumpannija tiegħi !

Togħġobni tant, anzi, li sa nissokta nikkwota minn kotba bħad-dizzjunarju modern Ingliż ta' H. Cecil Wyld, B.Litt., M.A., Professur tal-Letteratura Ingliża fl-Università ta' Oxford. Minnu nislet dan li ġej : "CATHOLIC as used by members of the Church of Rome, means a *Roman Catholic only* to the exclu-

sion of *all other Christians*. As used by members of definitely Protestant bodies, the word means a *Christian Roman Catholic* as distinguished from Protestants or members of one of the Reformed Churches; as used by members of that section of the Church of England (which is farthest from Potestantism in belief and practice), the word means a person who holds the essential doctrines of the Christian Church as conceived before the Reformation, and thus includes Roman Catholics, Greek Orthodox Catholics and Anglo Catholics.''

Minn hekk jidher ċar (għallinqas għal min *irid* jarah) illi l-kelmiet ''mhux Nisrani'' skond ma jgħidhom il-poplu Malti illitterat, ma jistgħux jittieħdu teknikament (skond l-ispirtu tad-duttrina tal-Knisja Kattolika) bħala ''mhux Kattoliku'' għax kull Protestant huwa *Nisrani iżda mhux Kattoliku*. U dana jistqarruh l-istess membri tal-Knisja Protestanti, kif jidher mid-definizzjoni tal-kelma ''Kattoliku'' fl-aqwa dizzjunarji Ingliżi.

Min jipprofessa r-Reliġjon tal-Knisja tagħna għandu jissejjaħ ''Nisrani Kattoliku''; dak li jipprofessa r-Reliġjon ta' Kristu, iżda mhux id-*duttrina* tal-Knisja Kattolika Rumana, jissejjaħ ''Nisrani Protestant''. Għalhekk *Protestant* huwa *Nisrani*, iżda mhux *Kattoliku*, jiġifieri mhux *Kattoliku Ruman*.

F'Malta l-kelma ''Nisrani'' fost il-poplu illitterat tfisser ''Kattoliku'' u l-espressjoni ''mhux Nisrani'' tfisser ''mhux Kattoliku'' (Non-Catholic). Il-kelma ''Nisrani'' kif jifhimha l-poplu qiegħda biss biex tfisser min jipprofessa r-Reliġjon tal-Knisja Kattolika u, għalhekk, fil-frażi ''mhux Nisrani'', bħala l-ekwivalenti ta' ''Non-Catholic'', il-kelma ''Nisrani'' bir-raġun kollu taqa' taħt in-nomenklatura popolari ta' ''malapropismu''.

ALBERT M. CASSOLA.

---

# MULTUM IN PARVO

## FONETIKA

### Il-Konsonanti Dgħajfin *j* u *w*.

Il-Konsonanti Dgħajfin biex jitlissnu f'sillaba jridu jissieħbu ma' vokali. B'hekk jagħmlu dittong jew jinxorbu f'vokali twila meta jiltaqgħu ma' vokali ta' l-istess ħoss tagħhom. Hekk: *Bjar*, *swar*. Iżda mbagħad: *bîr*, *sûr* flok *bjir*, *swur*.

Hekk ukoll *îd* flok *jid* (Għarbi: *jad*. Volgari: *jid* jew *îd*, Tripoli).

a.c.

# Reċensjonijiet

**MONS. KAN PROF. F. BONNICI,, FUNDATUR TAD-DAR TA' SAN ĠUŻEPP TAL-ĦAMRUN. — TAGĦRIF FUQ IL-ĦAJJA U L-OPRI TIEGĦU.** — Malta, Stamperija Dar ta' San Ġużepp, 1955. pp. 24.

Qrajt dan id-daqsxejn ta' ktieb f'nifs wieħed. U ħadt gost naqra fuq il-fundatur ta' dan l-Istitut li min jaf kemm-il darba waqaft quddiemu bla ma nista' nsir naf fuq il-fundatur iktar mill-isem ta' fuq l-irħama. F'dawn l-24 paġna nsibu tagħrif li jixħet dawl mhux biss fuq l-isvilupp ta' l-Istitut imma wkoll fuq xi ħidmiet oħra li twieldu f'moħħ il-Kan. F. Bonnici u li aħna li trabbejna qalbhom aktarx nieħdu *for granted*; ngħidu aħna l-Missjoni ż-Żgħira li hu waqqaf fl-1899, jonkella l-Opra tal-Bona Morti, imwaqqfa fl-1897 biex tgħin lill-Istitut.

Imma l-ikbar mertu ta' dal-ktejjeb huwa l-isfond soċjali li l-kittieb għaraf ipinġi b'ilwien ħajja. Nieqfu nitħassbu x'edukzzjoni setgħu jieħdu t-tfal dak iż-żmien minħabba n-nuqqas ta' trasport, u jidhru għaddejjin quddiemna kwadri u deħriet intimi ta' poplu aktarx injorant fir-reliġjon, ta' faqar qalb il-familji, ta' għadd sabiħ ta' ltiema jiġġerrew mat-triqat. Minn dawn il-ħafna elementi soċjali nibtet il-ħidma u l-opra ta' fidwa li għaliha nxteħet b'ruħu u b'ġismu l-Kan. F. Bonnici—ħidma li tistħoqq it-tifħir tal-Maltin kollha għall-ġid li ġiebet magħha.

Ħwejjeġ oħra ta' siwi li nsibu f'din il-kitba huma: (i) il-lista, bid-dati, tad-Diretturi tad-Dar ta' San Ġużepp, (ii) tagħrif fuq ġurnal li kien joħroġ l-Istitut jismu *Il Fabbro di Nazareth*, u (iii) xi ritratti ta' tfal ta' l-Istitut fl-ewwel snin tiegħu mxebbhin ma' dawk ta' żmienna — mera tal-progress li sar fl-Istitut kemm ilu wieqaf.

Mons. Enrico Bonnici, li ħaseb idomm dan il-ktejjeb biex ifakkar il-ħajja u l-opri tal-Fundatur, ħaqqu prosit għall-mod kif għaraf jagħti daqstant tagħrif fil-qosor ta' 24 paġna. G.C.P.

**"GWIDA GĦAL ĠRAJJIET IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-GRAZZJI".** — Mill-Kappillan Dun Gius. Zarb. — Malta, 1955. Paġ. 40.

Il-Kappillan Dun Gius. Zarb dejjem iħabrek biex ixandar l-istorja tal-belt Hompesch u biex ikattar il-qima tal-Madonna tal-Grazzja. Ixxogħlijiet tiegħu huma popolari, edukativi u interessanti mhux biss għannies ta' Ħaż-Żabbar iżda wkoll għall-Maltin kollha u saħansitra għall-barranin li ta' sikwit imorru jżuru s-Santwarju u l-mużew ta' Ħaż-Żabbar.

Dan il-ktieb jiswa ħafna biex jagħti ħjiel ta' kulma hu importanti u interessanti u għażiż f'Ħaż-Żabbar. Min jinviżta s-Santwarju u min jagħmel żjara lill-mużew b'dan il-ktieb f'idejh ikun jista' jara u jifhem kollox. F'dan il-ktieb huma numerati l-oġġetti kollha eżibiti fil-mużew, ħafna minnhom huma mfissrin u deskritti fil-qosor. Il-ġabra tal-mużew tinfirex mill-preistorja sa żmienna u jekk wieħed ikollu s-sabar u ż-żmien jifli l-oġġetti kollha wieħed wieħed jieħu idea ta' kulma għadda minn fuq din il-Gżira tagħna fil-milja taż-żmien.

L-aktar sezzjoni interessanti hi dik ta' l-epoka tal-Kavalieri f'Malta, għax il-Gran Mastri u l-Kavalieri kellhom qima kbira lejn il-Madonna tal-Grazzja u dejjem talbu lilHa fil-bżonnijiet tagħhom u dejjem tawHa ġieh. Wieħed mill-preġi tal-ktieb hu l-għadd kbir ta' ritratti li fih. Ritratti ta' kwadri, inċiżjonijiet, rigali, veduti, persunaġġi u oġġetti sagri u profani, qodma u moderni, artistiċi u m'humiex. Għal daqshekk biss dan il-ktieb huwa dokumentarju u jiswa għall-istorja parrokkjali u ġenerali tal-Gżira. Meta rajna dan il-ktieb għaddielna ħsieb minn rasna: kieku xi ħadd mill-parroċċi l-oħra qodma ta' Malta jitħajjar minn Dun Ġużepp u jlaqqat ġabra ta' oġġetti li għandhom x'jaqsmu mal-parroċċa jew mal-belt jew mar-raħal tagħhom, allura l-ħeġġa tal-parroċċjani tikber, il-ġibda u l-ħeġġa lejn il-belt jew ir-raħal tagħhom joktru u l-patrimonju artistiku u arkeologu ta' pajjiżna jiżdied. U'Alla jkun hekk!

Il-ktieb hu stampat pulit, fuq karta fina, tipi ċari u ritratti maqlugħin. Kull min iħobb il-kitba Maltija jmissu jħassel kopja.

G.

**"IL-KNISJA U L-KUNVENT TAL-KAPPUĊĊINI TAL-FURJANA U L-ORDNI ĠEROSOLIMITAN"** — Ta' Patri Timotju mill-Belt Valletta. — Empire Press, Malta. 1955 Paġ. 180.

Dan il-ktieb ħareġ bħala tifkira tar-rikostruzzjoni tal-knisja u tal-kunvent tal-Kappuċċini tal-Furjana, u fih wieħed isib tagħrif storiku, deskrizzjoni u bijografija dwar il-Kappuċċini u l-kunventi tagħhom f'Malta. Il-ħtieġa ta' ktieb bħal dan kienet ilha tinħass għax il-Kappuċċini huma fost il-patrijiet l-aktar għeżież tal-poplu Malti u l-aktar popolari f'pajjiżna. Ħied ikun Patri Timotju li mela dan il-vojt u l-ħidma tiegħu ħaqqha kull tifħir.

Patri Timotju, li għamel bosta snin fis-servizz ta' l-isptarijiet tal-Gvern u li l-lum hu Direttur ta' l-Iskola Serafika tal-Furjana, wera kemm hu l-bniedem adattat biex jindaħal għal biċċa xogħol bħal din, biċċa xogħol li teħtieġ ħila, għerf u esperjenza.

Il-ktieb imqassam f'żewġ partijiet: waħda fuq l-istorja ta' l-Ordni tal-Kappuċċini f'Malta u l-oħra nistgħu ngħodduha bħala bijografija Kappuċċina.

Fuq l-istorja ta' l-Ordni l-awtur telaq mill-bidu nett, dwar l-erba' mitt sena ilu, meta fl-1588 waslu tmien Kappuċċini f'Malta. Iżda wkoll qabel dik is-sena Kappuċċini Maltin u barranin kellhom x'jaqsmu ma' Malta u wieħed minnhom għadu jissemma fl-istorja ta' l-Assedju l-Kbir. L-awtur isemmi l-privileġġi li s-Slaten ta' Malta taw lill-Kappuċċini għar-rispett u l-qima li huma u l-poplu kellhom lejn dawn il-Patrijiet dħulin u ferreħin. Id-dritt għall-ilma u l-bank riżervat għalihom f'San Ġwann huma tnejn mill-privileġġi kurjużi mogħtijin lill-Patrijiet.

Il-parti bijografika hi biċċa xogħol tqila u ta' fejda li naħsbu swiet lill-awtur taħbit bla tarf. Biex kitibha hu kellu jfittex, jistħarreġ u jqalleb u jaqra bosta dokumenti u kotba antiki, imma dan ix-xogħol irnexxielu għax ġabar bosta tagħrif li jiswa għall-istudjużi u għall-istoriċi li għad jiġu warajna. Hemm bosta tagħrif li għandu mnejn jixħet dawl fuq

ħafna suġġetti u persunaġġi ta' xjenza, arti u storja. Insemmu wieħed biss: l-awtur igħidilna li Patri Pawl minn Bormla kien lingwista magħruf u kien jitkellem bl-ilsien Għarbi kif ukoll bil-Grieg. Ta' min ifittex jekk Patri Pawl ħalliex xi kitba jew manuskritti b'dawk il-lingwi.

Il-ktieb jogħġobna u qrajnieh b'dehwa kbira mill-bidu sa l-aħħar. Xtaqna li l-awtur flieh sewwa qabel tah għall-istampa għax hemm xi lapsus li seta' jiġi evitat, per eżempju fil-paġna 113 hemm miktub li fl-1836 Patri Pietru Pawl, l-ewwel Provinċjal, kellu 38 sena meta ftit qabel konna qrajna li dak il-Patri kien twieled fl-1781. Lapsus ieħor hu n-nuqqas tad-data tal-mewt ta' Fra Krispin, wieħed mill-Kappuċċini l-aktar magħrufa. L-ortografija wkoll hu ta' min jorqomha. Dawn huma rqaqat li ma jnaqqsux mis-siwi tal-ktieb bħala opra storika bijografika u li jistgħu jiġu korretti f'edizzjoni oħra. Mill-bqija l-ktieb għoġobna ħafna u aħna nirrikkmandawh bil-qalb kollha lill-qarrejja. G.

---

Irċevejna l-perjodiku **"LEHEN L-ART IMQADDSA".**

Qari li joħroġ kull tliet xhur mill-Kummissarjat tal-Qabar ta' Kristu f'Malta. Hadna pjaċir naqrawh għax imżewwaq tajjeb; fih aħbarijiet fuq l-Art Imqaddsa, fih artikoli istruttivi u bijografiċi u storiċi. Dan hu perjodiku mhux biss ta' mogħdija taż-żmien iżda ta' fejda kbira u jmissu jinqara mill-Maltin kollha.

Aħna nafu d-devozzjoni kbira li hawn f'pajjiżna lejn il-Qabar ta' Kristu u nafu wkoll il-ħidma tal-Patrijiet Franġiskani b'rizq il-Qabar. Għalhekk dan il-perjodiku hu ta' ħtieġa għalihom. Hu għandu jingħoġob minn kulħadd mhux biss għax id-Direttur tiegħu, Patri Nikola Magro, O.F.M. Kummissarju tat-Terra Santa hu magħruf għall-ħeġġa u għall-għerf tiegħu, iżda wkoll għax il-perjodiku hu minnu nnifsu sabiħ, stampat tajjeb, iħabbatha ma' xogħlijiet stampati barra minn Malta.

## ĠAWHAR TA' ĦSIBIJIET

L-imħabba vera u ta' bla patt hija l-isbaħ teżor li hawn fid-dinja.

Bl-istess użin li tiżen lil ħaddieħor jiżnu lilek.

Li kieku kellu jintgħamel kull ħsieb li jgħaddi minn moħħ il-bnedmin, id-dinja ssib ruħha fl-akbar taħwid.

Is-*snien* jitbiddlu, imma s-*snin* ma jitbiddlux.